Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,243, 2 ta' Awwissu, 2019
Taqsima B

A.L. 188 tal-2019

ATT DWAR ID-DĦUL TA' MALTA BĦALA MEMBRU TAL-FOND MONETARJU INTERNAZZJONALI (KAP. 209)

Ordni tal-2019 dwar id-Dħul ta' Malta Bħala Membru Tal-Fond Monetarju Internazzjonali (Estensjoni tal-Ftehim dwar Self)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 8 tal-Att dwar id-Dħul ta' Malta bħala Membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali, il-Ministru responsabbli għal Finanzi għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2019 dwar id-Dħul ta' Malta Bħala Membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali (Estensjoni tal-Ftehim dwar Self).

Dikjarazzjoni.

2. B'dan qiegħed jiġi dikjarat:

Kap .209.

(a) illi fl-14 ta' Ottubru, 2017 il-Bank Ċentrali ta' Malta u l-Fond Monetarju Internazzjonali daħlu fi ftehim għal skop ta' self lill-Fond ta' Drittijiet Speċjali ta' ġbid – ammont denominati suġġett għad-dispożizzjonijiet relevanti tal-Ftehim u skont it-Taqsima VII, l-Artikolu 1(i) tal-Iskeda (l-Artikolu 2) tal-Att dwar id-Dħul ta' Malta bħala membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali (hawn taħt imsejjaħ "Ftehim dwar Self")

(b) illi l-paragrafu 2(a) tal-Ftehim dwar is-Self jipprovdi li t-terminu tiegħu għandu jintemm fil-31 ta' Diċembru, 2019; iżda l-Fond Monetarju Internazzjonali jista' jestendi t-terminu tal-Ftehim dwar Self għal sena oħra sal-31 ta' Diċembru, 2020 permezz ta' deċiżjoni tal-Bord Eżekuttiv tal-Fond Monetarju Internazzjonali, filwaqt li jqis is-sitwazzjoni ġenerali tal-likwidità tal-Fond u r-rekwiżiti attwali u prospettivi ta' self, u bil-kunsens tal-Bank Ċentrali ta' Malta;

(ċ) illi fit-30 ta' Mejju, 2019 il-Fond Monetarju Internazzjonali kiteb lill-Bank Ċentrali ta' Malta biex jinfurmah, li fl-20 ta' Mejju, 2019, il-Bord Eżekuttiv tal-Fond Monetarju Internazzjonali approva estensjoni ta' sena tat-termini tal-Ftehim dwar Self, sa tmiem 2020;

(d) illi l-Bank Ċentrali ta' Malta ta' l-kunsens tiegħu lill-Fond Monetarju Internazzjonali għall-estensjoni ta' sena skont il-paragrafu 2(a) tal-Ftehim dwar Self;

(e) illi d-drittijiet speċjali ta' ġbid – ammont denominati mislufa mill-Bank Ċentrali ta' Malta taħt il-Ftehim dwar Self u taħt Estensjoni tal-Ftehim dwar Self ser jibqgħu jkunu ekwivalenti sa mitejn u sittin miljun euro (€260,000,000).